MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 118/2006

**Patricia Horzella (ID292255M)**

**Vs**

**Roger Horzella**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie iprezentat fl-20 ta' Frar, 2006 intalab illi konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf erbgha mija u hamsa u tmenin lira (Lm1,485.00) rapprezentanti manteniment dovut lilha ai termini tad-digriet tas-Sekond'Awla li kien igib in-numru 1572/02 li jinsab esebit u mmarkat bhala Dok A.

Ra n-nota tal-konvenut ipprezentant fit-22 ta' Settembru 2006 in forza ta' liema huwa qieghed jammetti t-talba attrici pero dana limitatament ghas-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira (Lm1, 440.00).

Sema' d-dikjarazzjoni tal-konsulent legali tal-attrici fejn in konfront tal-istess nota ta' ammissjoni huwa rriduca t-talba tieghu ghall-ammont kif ammess u cioe dik ta' elf erbgha mija u erbghin lira (Lm1,440.00).

Sema' illi z-zewg partijiet qablu illi din il-kawza ghandha tmur ghas-sentenza fuq l-ammont kif ammess.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill- konvenut ihallas lill-attrici s-somma kif ridotta ta' elf erbgha mija u erbghin lira (Lm1,440.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------